**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' April, 2018

Rikors Nru : 104/18 AL

**AB**
vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi hija zzewget lill-intimat CD permezz ta' cerimonja fil-Knisja Kattolika ta' Portsmouth fl-Ingilterra fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (1999) liema zwieg gie registrat f'Malta bin-numru 1747/2003 (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ta

separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbghatax (2017) - (Kopja annessa Dok B) u kien ilhom separati *de facto* sa' minn Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi l-partijiet ghandhom zewg ulied minn dan iz-zwieg u cioe' S li twieled fis-6 ta' Dicembru 2000 u X li twieled fit-8 ta' Dicembru 2006 (certifikati ta' twelid annessi u mmarkati bhala Dok "C" u "D" rispettivament) u li fir-rispett taghhom l-intimat jhallas manteniment kif provdut fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi.

Illi hija ddiskutiet mal-avukat taghha Dottor Ian Micallef il-possibilta ta' rikonciljazzjoni u nghatat mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (Dikjarazzjoni annessa Dok E), u ikkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet, li l-intimat jghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg taghha ma Matthew Manderson hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-intimat fuq domanda tal-Qorti wiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Novembru 2017 u ilhom de facto separati minn Dicembru 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.